**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta' Marzu, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 53/2016 AF**

**Il-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat fil-kwalità tieghu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u l-Avukat Generali**

**vs**

**Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena**

**u**

**Il-Kummissarju tal-Artijiet**

**u**

**Ir-Registratur tal-Artijiet**

**u**

**b'digriet tal-4 ta' April 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Antonio sive Tonio Mercieca, Adrienne Mercieca, Sergio Rubei, Marita Rubei f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti: Charles Bonello, Catherine Antoinette Wright, Adrian Ralph Bonello, Antoine Camenzuli, Lilian Camenzuli, Alfred Camenzuli, u**

**Raphael Bonello u tal-assenti Ralph Bonello, Joseph Bonello u Kathy Knight, ilkoll ulied u eredi ta' Catherine Bonello; Lawrence Zammit f'ismu proprju u ghal assenti Carmelo sive Charles Zammit, Grace Zammit, George Grech, Kathleen Grech, Paula Mompalao Depiro u Carmel Camenzuli**

**u**

**b'digriet tal-4 ta' April 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Mary Falzon, Daphne Corrieri, David Cefai, Martin Cefai u Christopher Cefai**

**u**

**fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex jintervjenu fil-kawza Charles Kerr f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' martu Maria Kerr u ta' Walton u Iris konjugi Kerr, Imelda Galea, John u Catherine konjugi Haddow, Marthese Attard, John u Maria konjugi Bisazza, Alfred Bonello, Mary Bonello, Victoria Bonello, Paul u Sharon konjugi Camenzuli, Francis Gascoyne, Catherine sive Kay u Cecil konjugi Fiorini, Margaret Sargent, Nicholas Edward Sargent, Deborah Kay Wanstall, Charles u Rita sive Ruth Bonello**

**u**

**b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex Daphne Corrieri, Christopher Cefai, Martin Cefai u David Cefai jibqghu fil-kawza minflok Mary Falzon li giet nieqsa**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat fil-kwalità tieghu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati u tal-Avukat Generali, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' żewġ kuntratti pubbliċi pubblikati fit-28 ta' Jannar 2015 u fl-10 t'April 2015 rispettivament fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, il-Kummissarju tal-Artijiet ittrasferixxa lill-konvenuti diversi artijiet proprjetà tal-Gvern li huma deskritti fil-lista annessa ma' dan ir-rikors bħala "Dok A" hawn aktar 'il quddiem f'dan ir-rikors indikati bħala "l-artijiet tal-Gvern".

It-trasferiment tal-artijiet tal-Gvern huwa regolat bl-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268). Illi t-trasferimenti tal-artijiet tal-Gvern lill-intimati konjugi Gaffarena ġew dikjarati li saru in forza tal-arikolu 3 tal-Kap 268 u tal-artikolu 13 tal-Iskeda tal-istess Att, liema artikolu jistipula illi "Art tal-Gvern tkun tista' tingħata bi tpartit ma oħra li tkun dikjarata meħtieġa għal skop pubbliku taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sid l-art hekk iddikjarata."

L-intimat Mark Gaffarena kien proprjetarju ta' kwart indiviz tal-utile dominju perpetwu fil-blokka bini immarkata 36, Old Mint Street, Valletta filwaqt li flimkien ma' martu l-intimata Josielle Gaffarena kienu proprjetarji ta' kwart indiviz iehor tal-utile dominju perpetwu tal-istess immobbli.

Permezz ta' avviz numru 58 li deher fil-Gazzetta tal- Gvern tat-22 ta' Jannar 2015 giet pubblikata dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li permezz taghha gie akkwistat b'xiri assolut kwart indiviz tal-blokka bini immarkata 36, Old Mint, Street, Valletta filwaqt li permezz tal-Avviz numru 287 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' April 2015 giet pubblikata dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li permezz taghha gie akkwistat b'titolu ta' xiri assolut kwart indiviz iehor tal-blokka bini immarkata 36, Old Mint, Street, Valletta.

Fil-kuntratt pubbliku tat-28 ta' Jannar 2015 gie dikjarat illi 'd-drittijiet ta' kumpens hekk kif huma definiti fil-Kapitolu numru tmienja u tmenin (88) tal-Ligijiet ta' Malta bhala dritt immobbli

baqghu proprjetà tal-komparenti Mark Gaffarena' filwaqt illi fil-kuntratt pubbliku tal-10 ta' April 2015 insibu li gie dikjarat li 'd-drittijiet ta' kumpens hekk kif huma definiti fil-Kapitolu numru tmienja u tmenin (88) tal-Ligijiet ta' Malta bhala dritt immobbli baqghu proprjetà tal-konjugi Gaffarena'.

Fil-fatt mid-dikjarazzjonijiet tal-President surreferiti jirrizulta li dak li gie esproprijat huwa kwart indiviz tal-fond u mhux kwart indiviz tal-utile dominju. Illi ma dan irid jinghad ukoll illi l-kwart indiviz esproprijat jirreferi ghall-kwart indiviz fuq l-ishma kollha fil-proprjetà u mhux ghas-sehem tal-intimati Gaffarena biss. Fil-fatt il-Gvern ma esproprijax l-utile dominju biss izda esproprija zewg ishma ta' kwart indiviz kull wiehed fil-binja li tinkludi l-utile u d-dirett dominju. Ghalhekk id-drittijiet ta' kumpens ma kienux jappartjenu biss lill-konjugi Gaffarena izda lill-komproprjetarji kollha tal-utili dominju (inkluzi l-intimati konjugi Gaffarena) u lid-direttarju, dejjem b'referenza f'kull kaz ghall-kwart indiviz.

Meta ġew kalkolati l-valuri tal-proprjetajiet mogħtija bi tpartit lill-intimati konjugi Gaffarena dawn spiċċaw biex ingħataw art tal-Gvern ħafna iżjed milli kien jippermetti l-paragrafu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 268 billi huma ma kienux l-unici proprjetarji ta' dak li gie esproprijat mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet filwaqt li thallsu l-ammont globali tal-valur ta' dak li gie esproprijat.

Għaldaqstant iż-żewġ kuntratti ta' permuta fuq indikati huma nulli u bla effett fit-termini tal-Artikolu 4(1) tal-Kap 268.

Raġuni oħra għan-nullità u l-ineffikaċja tal-imsemmija kuntratti ta' permuta fit-termini tal-Kap 268 hija l-fatt illi anke kieku ż-żewġ ishma ta' kwart indiviż akkwistati mill-Gvern kienu kollha tal-intimat Mark Gaffarena u tal-intimati konjugi Gaffarena rispettivament, il-valur tal-artijiet tal-Gvern li ġew mogħtija lilhom bi tpartit fil-fatt jeċċedi b'aktar mid-diskrepanza ta' tletin fil-mija permessa bil-paragrafu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 268 u dan kif jirriżulta minn stimi professjonali.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi biż-żewġ kuntratti pubbliċi ta' permuta pubblikati fit-28 ta' Jannar 2015 u fl-10 t'April 2015 rispettivament fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, u li bihom il-Kummissarju tal-Artijiet ittrasferixxa lill-konvenuti Mark u Josielle konjuġi Gaffarena diversi artijiet proprjetà tal-Gvern li huma deskritti fil-lista annessa ma dan ir-rikors maħluf u markata bħala "Dok. A", saru trasferimenti ta' artijiet proprjetà tal-Gvern xort'ohra milli skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268) u li ghalhekk l-istess kuntratti pubblici huma nulli u minghajr effett fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268);

2. Tħassar u tannulla l-imsemmija żewg kuntratti pubblici u konsegwentement tordna li jintradd lura dak kollu li inghata bhala konsiderazzjoni mill-partijiet lil xulxin fuq l-istess kuntratti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti ġħas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konjugi Mark u Josielle Gaffarena li permezz taghha gie eccepit illi:

It-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez minn din l-Onorabbli Qorti stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt. Kif jidher mir-rikors guramentat tar-rikorrenti stess, l-process kollu ta' esproprjazzjoni sar kollu skond kif il-Kummissarju tal-Artijiet iddetta. Il-process kollu mexa fuq il-provvedimenti tal-ligi u gie esegwit mill-ufficjali kollha skont il-ligi.

Il-process inbeda, skond il-ligi, wara d-Dikjarazzjoni apposita tal-President ta' Malta.

Il-valuri tal-proprjetà kollha involuta fil-process gew stabbiliti minn Periti mqabbda mid-Dipartiment koncernat tal-Gvern. Dawn l-istess Periti ilhom snin twal jitqabbdu biex jaghmlu valutazzjonijiet simili. L-esponenti ma gabu ebda Perit biex jivverifika l-valuri izda qaghdu fuq il-valutazzjonijiet mhejjija mid-Dipartiment.

Il-verifika ta' titolu u r-rekwiziti kollha legali nkluzi l-abbozzi tal-kuntratti msemmija fir-rikors guramentat saru wkoll mill-istess Dipartiment u jidher li saru fuq forma li ilha segwita ghal snin twal.

Waqt li l-esponenti sejrin jirribattu t-talbiet rikorrenti kollha bhala nfondati u ser jaghtu l-eccezzjonijiet li tippermettilhom il-ligi, jidher car li dan hu kollu ezercizzju msejjes fuq bazi politika.

1. Fl-ewwel lok, l-esponenti jsostnu illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad dan ir-rikors guramentat bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante illi huwa null skond il-ligi.

2. Din in-nullità mressqa fil-paragrafu precedenti hija bbazata fuq il-fatt li r-rikors odjern gie pprezentat a bazi tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 268 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid:

> "(2) In-nullità ta' trasferiment maghmul bi ksur tal-imsemmi artikolu tista' tintalab ukoll mill-Avukat Generali jew minn xi persuna li tkun membru tal-Kamra tad-Deputati fiz-zmien tat-talba."

Fl-okkju tar-rikors odjern l-Onorevoli Dr. Joseph Muscat indika b'mod car u inekwivoku li qieghed jagixxi "fil-kwalità tieghu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati" u ghalhekk indipendentement mill-Gvern ta' Malta.

Galadarba dan hu hekk, l-Onorevoli Dr. Joseph Muscat ma jistax isejjah lilu nnifsu bhala Prim Ministru meta qieghed jipprezenta atti gudizzjarji fil-kwalità tieghu ta' membru tal-Kamra tad-Deputati. It-titolu ta' Prim Ministru jispetta lilu biss meta jkun qieghed jipprezenta atti gudizzjarji

f'isem il-Gvern ta' Malta, haga li qieghed espressament jeskludi f'dawn l-atti gudizzjarji.

3. In-nullità tissussisti wkoll peress illi, bhala rizultat tal-paragrafu 2 hawn fuq, ir-rikors guramentat huwa bbazat fuq zewg allegazzjonijiet, u cioè:

   i. Illi r-rikorrenti, fir-rikors guramentat, fil-paragrafi 5 u 6 qeghdin jallegaw illi l-kuntratti ta' permuta huma nulli ghar-ragunijiet hemm inidkati; u

   ii. Illi r-rikorrenti, fir-rikors guramentat, fil-paragrafu 8 qeghdin jallegaw ukoll illi l-kuntratti ta' permuta huma nulli a tenur tal-Artikolu 4(1) tal-Kap. 268 stante illi jiksru l-paragrafu 1 tal-Iskeda tal-istess Kapitolu.

   Filwaqt illi r-rikorrenti ghandhom is-setgha legali li jipprezentaw rikors guramentat fuq it-tieni allegazzjoni (ii) a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Kap. 268, l-Onorevoli Joseph Muscat m'ghandux *locus standi* sabiex jipprezenta rikors guramentat fuq l-ewwel allegazzjoni (i) billi din seta' jaghmilha biss fil-kwalità tieghu ta' Prim Ministru f'isem il-Gvern ta' Malta, titolu illi huwa qieghed espressament jeskludi f'dawn il-proceduri.

Ukoll, ir-rikorrenti huma legalment skorretti fil-kontenut tal-paragrafu 7 tar-rikors guramentat billi ma jistghux isostnu li bhala konsegwenza tal-kontenut tal-paragrafi 5 u 6 sar ksur tal-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 268. Infatti l-Kapitolu 268 mkien ma jsemmi c-cirkostanzi allegati mir-rikorrenti fil-paragrafi 5 u 6 tar-rikors guramentat. Ghaldaqstant it-talbiet fir-rikors guramentat huma nulli billi ma jirriflettux il-premessi fl-istess rikors guramentat.

Ukoll, ir-rikors guramentat huwa null billi ma saret ebda talba specifika mir-rikorrenti sabiex din l-Onorabbli Qorti thassar u tannulla d-Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta dwar l-esproprjazzjoni tal-ishma ta' kwart indiviz kull wiehed fil-fond 36, Triq Zekka, il-Belt.

Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba odjerna u r-rikors guramentat li fuqu hija bbazata huma intempestivi stante illi r-rikorrenti ma jistghu jressqu ebda talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta' permuta qabel ma jkunu jistghu jittregghu lura d-Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta ghar-rigward tal-esproprjazzjoni tan-nofs indiviz tal-fond 36, Strada Zekka, Valletta minghand l-intimati.

Il-process kollu tal-esproprjazzjoni tal-ishma tal-intimati fil-fond gewwa Strada Zekka kien beda permezz tad-Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta. Ghaldaqstant l-esponenti jissottomettu illi l-process kollu ta' rexissjoni ghandu jinbeda minn hemm u mhux mit-tarf tal-process, cioè, mill-kuntratti ta' permuta.

Il-proceduri odjerni huma ezempju klassiku fejn wiehed ipoggi l-karrettun qabel iz-ziemel. L-intimati jsostnu illi minn dawn il-proceduri gudizzjarji ma jirrizultax kif ser tkun il-pozizzjoni legali dwar dawn id-Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta. Ghalhekk l-intimati jsaqsu kif ir-rikorrenti sejrin jissodisfaw l-Artikolu 1209 tal-Kap. 16 kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Fit-tielet lok, l-intimati jissottomettu illi l-proceduri odjerni huma diskriminatorji fil-konfront taghhom stante illi huma infurmati illi minn mindu giet legislata l-Policy dwar it-Trasferiment ta' Art tal-Gvern (Skeda Kap. 268) saru minn ta' lanqas hamsa u hamsin kuntratt ibbazati fuq l-istess interpretazzjoni legali tal-paragrafu 13 tal-istess Skeda.

Ghalhekk jekk, kif qeghdin jallegaw ir-rikorrenti fir-rikors guramentat dan huwa minnu, l-intimati jsaqsu ghala l-Avukat Generali qatt ma ha passi gudizzjarji sabiex jirrevoka dawk il-kuntratti kollha li saru qabel dawk tal-intimati galadarba dawk il-kuntratti kisru wkoll id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 268.

L-intimati qeghdin jipprezentaw kopja tad-Debates tal-Kamra tad-Deputati, is-Sitt Parlament, Seduta Nru. 572, tat-12 ta' Novembru 1991 fejn din il-kwistjoni tat-tletin fil-mija (30%) giet dibattuta.

Filwaqt li r-rikorrenti qeghdin isostnu li l-valur tal-artijiet moghtija bi tpartit lill-intimati ma setghetx teccedi it-30% tal-valur tal-proprjetà esproprjata, l-Onorevoli Ugo Mifsud Bonnici kien qal illi l-valur tal-proprjetà tal-Gvern li kienet ser tinghata lill-persuna li l-proprjetà taghha giet esproprjata ma setghetx taqbez aktar minn 30% tal-valur tal-proprjetà esproprjata, jigifieri illi l-massimu kien ta' 130%.

Dan il-massimu ta' 130% minn dejjem gie adoperat mill-Kummissarju tal-Artijiet u din hija l-ewwel darba illi qeghda tinghata interpetazzjoni differenti tal-paragrafu 13 tal-Iskeda tal-Kap. 268.

Din id-diskriminazzjoni ghandha finijiet politici u ghalhekk dan huwa bi ksur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

L-esponenti jissottomettu wkoll illi jekk huwa minnu dak li r-rikorrenti qeghdin jistqarru fil-paragrafu 5 tar-rikors guramentat, isegwi illi l-Gvern ta' Malta ottjena sehem akbar milli kien imissu minghand l-esponenti u ghandu jirrestitwixxi dak is-sehem li ha aktar milli kien imissu.

L-esponenti jissottomettu illi l-kuntratti ta' permuta *de quo* huma legali u ma jistghux jigu rexissi.  Dawn il-kuntratti gew abbozzati, evalwati u kkonfermati mid-Dipartiment tal-Gvern ikkoncernat, u l-intimati ma kienux involuti, f'ebda waqt, matul dan il-process.

Ukoll ghandu jinghad illi l-intimat il-Kummissarju tal-Artijiet kien jaf minn qabel x'titolu l-esponenti kellhom fil-fond in kwistjoni u ghalhekk setghu jaghmlu il-verifiki kollha mehtiega sa minn qabel ma nhargu d-Dikjarazzjonijiet tal-President fil-Gazzetta tal-Gvern u l-gazzetti lokali.  Illi wkoll dawn id-Dikjarazzjonijiet tal-President gew abbozzati mill-intimati lill-Kummissarju tal-Artijiet u l-intimati ma kellhom ebda involviment fihom.

Infatti, l-esponenti jistennew li l-Kummissarju tal-Artijiet jiddefendi l-process kollu tal-esproprjazzjoni li huwa stess

mexxa mill-bidu sat-tmiem tieghu permezz tal-kuntratti ta' permuta.

Ukoll l-esponenti jissottomettu illi sija l-valuri moghtija ta' kull sehem esproprjat kif ukoll tal-artijiet moghtija bi tpartit kienu saru minn Periti mqabbda mid-Dipartiment tal-Artijiet u l-esponenti ma kellhom ebda involviment u lanqas setghu jinfluwixxu fuq il-valuri ddikjarati fil-kuntratti ta' permuta.

Ghalhekk, in vista tas-suespost, l-intimati jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tichad it-talbiet rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri u dan partikolarment wara li jigu ntrodotti n-noti ta' eccezzjonijiet tal-intimati l-ohra f'dan ir-rikors guramentat.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Registratur tal-Artijiet li permezz tagħha eċċepixxa illi:

Il-kwart indiviż ta' blokk bini fil-Belt Valletta li jinkludi l-fond nru. 36 fi Triq Zekka, il-fondi nri. 67 u 70 fi Triq San Ġwann u l-fond nru. 47 fi Triq San Patrizju huwa reġistrat f'isem il-Gvern ta' Malta biċ-Ċertifikat ta' Titolu nru. 01001712.

Permezz tal-applikazzjoni LRA 525/15 ġew reġistrati d-drittijiet ta' kumpens għall-kwota ta' kwart indiviż tal-utile dominju perpetwu tal-proprjetà fuq imsemmija f'isem il-Gvern ta' Malta.

Kwart indiviż ieħor tal-blokk bini fil-Belt Valletta li jinkludi l-fond nru. 36 fi Triq Zekka, il-fondi nri. 67 u 70 fi Triq San Ġwann u l-fond nru. 47 fi Triq San Patrizju huwa reġistrat f'isem il-Gvern ta' Malta biċ-Ċertifikat ta' Titolu nru. 01001712.

Permezz tal-applikazzjoni LRA 1330/15 ġew reġistrati d-drittijiet ta' kumpens għall-kwota ta' kwart indiviż ieħor tal-utile dominju perpetwu tal-proprjetà fuq imsemmija f'isem il-Gvern ta' Malta.

Il-fond nru. 73 fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema huwa reġistrat f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat tat-titolu nru. 59001634.

Il-porzjon art magħrufa bħala 'Tas-Salvatur' fil-limiti ta' Kandja, is-Siġġiewi tal-kejl ta' ċirka 5,803.75mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-Ċertifikat ta' Titolu nru. 09002166.

Il-porzjon art magħrufa bħala 'Klawsura tal-Ħandaq' f'Ħal-Qormi tal-kejl ta' ċirka 9,980mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat ta' Titolu nru. 06002431.

L-art f'Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, tal-kejl ta' ċirka 3,735mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat ta' titolu nru. 44003115.

L-art f'Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, tal-kejl ta' ċirka 1,663mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat ta' titolu nru. 44003131.

L-art magħrufa bħala 'Raba' ta' Harram', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-kejl ta' ċirka 2,150mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat ta' titolu nru. 07003255.

L-art magħrufa bħala 'Raba' ta' Harram', fil-limiti ta' Ħaż-Żebbuġ, tal-kejl ta' ċirka 24,073mk hija reġistrata f'isem Mark Gaffarena u Josielle Gaffarena biċ-ċertifikat ta' titolu nru. 07003277.

Salv dak li jinghad hawn fuq, l-esponent jirrileva li l-presenza tieghu fil-kawza hi necessarja biss ghall-skop ta' l-eventwali esegwibilità tal-gudizzju tal-Qorti ai termini tal-artikolu 51(5) tal-Kap. 296 u ghaldaqstant huwa jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-Kummissarju tal-Artijiet Peter Mamo fejn gie esponut illi:

Huwa gie notifikat bir-rikors fl-ismijiet odjerni nhar it-23 ta' Jannar 2016.

Tenut kont tar-rizultanzi fattwali esposti fir-rikors promotur, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha li jiccirkondaw il-kawza odjerna, l-esponent qieghed umilment jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li ser ikun qieghed jirrimetti ruhu ghas-savju gudizzju finali taghha.

Rat ir-rikors ta' Antonio sive Tonio Mericeca, Adrienne Mercieca, Sergio Rubei, Marita Rubei f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti: Charles Bonello, Catherine Antoinette Wright, Adrian Ralph Bonello, Antoine Camenzuli, Lilian Camenzuli, Alfred Camenzuli, u Raphael Bonello u tal-assenti Ralph Bonello, Joseph Bonello u Kathy Knight, ilkoll ulied u eredi ta' Catherine Bonello; Lawrence Zammit f'ismu proprju u ghal assenti Carmelo sive Charles Zammit, Grace Zammit, George Grech, Kathleen Grech, Paula Mompalao Depiro u Carmel Camenzuli fejn issottomettew:

Huma proprjetarji ta' kwota indiviza tal-proprjetà numru 36, Triq Zekka, 67 sa 70 fi Triq San Gwann u 47, Triq San Patrizju, Valletta, mertu ta' din il-kawza fejn l-atturi qeghdin jitolbu r-rexissjoni ta' zewg kuntratti li saru bejn l-intimati Kummissarju tal-Artijiet u l-konjugi Gaffarena fit-28 ta' Jannar 2015 u fl-10 ta' April 2015 rispettivament u li gew ippubblikati minn Nutar Anthony Hili.

F'dawn il-kuntratti Marco Gaffarena wahdu u l-konjugi Gaffarena flimkien thallsu ta' drittijiet ta' kumpens ghat-trasferiment tat-titolu favur il-Gvern ta' Malta u nofs indiviz (kwart indiviz kull kuntratt) fuq il-fondi ta' fuq, liema trasferiment ta' titolu sar a tenur tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta bil-pubblikazzjoni tad-Dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta fl-Avviz Numru 58 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Jannar 2015 u fl-Avviz numru 287 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' April 2015.

Id-Dikjarazzjonijiet tal-President fuq imsemmija jirrigwardjaw kwart indiviz kull wiehed tal-fond kollu kemm hu u mhux biss tas-sehem tal-intimati konjugi Gaffarena u konsegwentement jirrizulta illi gie esproprijat kwart indiviz ghal darbtejn tal-proprjetà in kwistjoni minghand il-komproprjetarji kollha, inkluzi l-esponenti u mhux biss minghand il-konjugi Gaffarena.

Ghalhekk l-esponenti kellhom ikunu inkluzi bhala vendituri tad-drittijiet ta' kumpens fiz-zewg kuntratti in kwantu sehemhom huwa milqut bl-imsemmija dikjarazzjonijiet u parti mit-titolu taghhom huwa issa tal-Gvern ta' Malta. Konsegwentement ghandhom interess fl-ezitu ta' dina l-kawza u jixtiequ li l-Qorti tisma' x'ghandhom xi jghidu.

L-esponenti kienu pprezentaw protest gudizzjarju kontra l-intimat Kummissarju tal-Artijiet kif jidher mill-kopja annessa bhala Dok. TM1 izda ma kien hemm l-ebda risposta jew reazzjoni mill-intimat Kummissarju tal-Artijiet.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-esponenti jitolbu bir-rispett kollu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tammettihom bhala intervenuti fil-kawza in *statu et terminis* a tenur tal-Artiklu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors ta' Mary Falzon, Daphne Corrieri, David Cefai, Martin Cefai u Christopher Cefai fejn issottomettew:

Huma proprjetarji ta' kwart indiviz tal-proprjetà li tinsab gewwa 36, Old Mint Street, Valletta, mertu ta' din il-kawza.

Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob ir-rexissjoni ta' zewg kuntratti li saru bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u l-konjugi Gaffarena, it-tnejn intimati f'din il-kawza, liema kuntratti gew ippubblikati fit-28 ta' Jannar 2015 u fl-10 ta' April 2015 rispettivament fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili.

In forza taz-zewg kuntratti, l-intimati konjugi Gaffarena ttrasferew kwart indiviz kull darba tal-fond 36, Old Mint Street, Valletta lill-Gvern ta' Malta, liema trasferimenti saru a tenur tal-Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tali trasferimenti saru in segwitu ghall-pubblikazzjoni ta' zewg dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta fejn gie dikjarat kull darba illi kwart indiviz tal-fond 36, Old Mint Street, Valletta kien mehtieg ghal skop pubbliku.

Permezz ta' avviz numru 58 li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Jannar 2015 giet pubblikata dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li permezz taghha gie akkwistat b'xiri assolut kwart indiviz tal-blokka bini immarkata 36, Old Mint Street, Valletta filwaqt illi, permess tal-Avviz numru 287 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' April 2015 giet pubblikata dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li permezz taghha giet akkwistata b'titolu ta' xiri assolut kwart indiviz iehor tal-blokka bini immarkata 36, Old Mint Street, Valletta.

Irrizulta illi d-dikjarazzjonijiet tal-President fuq imsemmija jirrigwardaw kwart indiviz kull wiehed tal-fond kollu kemm hu u mhux biss tas-sehem tal-intimati konjugi Gaffarena u abbazi ta' dan in-nuqqas, qed jintalab ir-rexxissjoni taz-zewg kuntratti fuq indikati.

Konsegwentement, jirrizulta illi gie esproprjat kwart indiviz ghal darbtejn tal-proprjetà in kwistjoni minghand il-komproprjetarji kollha, inkluzi l-esponenti u mhux biss minghand il-konjugi Gaffarena.

Stante illi l-esponenti huma proprjetarji ta' kwart indiviz tal-proprjetà mertu ta' din il-kawza jirrizulta illi parti indiviza mill-proprjetà taghhom, u cioè n-nofs minn sehemhom, illum gie esproprjat in forza tad-dikjarazzjoni tal-President.

In vista ta' dan il-fatt, huma ghandhom interess f'din il-kawza u fl-ezitu taghha.

Ghaldaqstant in vista tal-premess, l-esponenti umilment jitolbu sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgboha tammetti l-esponenti bhala intervenuti fil-kawza *in statu et terminis* ai termini tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors ta' Charles Kerr f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' martu Maria Kerr u ta' Walton u Iris konjugi Kerr, Imelda

Galea, John u Catherine konjugi Haddow, Marthese Attard, John u Maria konjugi Bisazza, Alfred Bonello, Mary Bonello, Victoria Bonello, Paul u Sharon konjugi Camenzuli, Francis Gascoyne, Catherine sive Kay u Cecil konjugi Fiorini, Margaret Sargent, Nicholas Edward Sargent, Deborah Kay Wanstall, Charles u Rita sive Ruth Bonello fejn issottomettew:

L-esponenti huma proprjetarji ta' sehem indiviz fil-proprjetà fond numru 36, Triq Zekka, Valletta; 67 sa 70, Triq San Gwann, Valletta u 47, Triq San Patrizju, Valletta, mertu tal-kawza bin-numru u fl-ismijiet citati.

L-atturi qeghdin jitolbu r-rexissjoni ta' zewg kuntratti illi gew iffirmati bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u l-konjugi Gaffarena u li jgibu d-data tat-28 ta' Jannar 2015 u l-10 ta' April 2015 rispettivament; t-tnejn ppubblikati fl-atti tan-Nutar Anthony Hili.

Permezz ta' kull kuntratt fuq citat, gie trasferit kwart indiviz (kwindi nofs indiviz *in toto*) tal-fondi fuq imsemmija, liema trasferiment sar a tenur tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, permezz tal-pubblikazzjoni ta' zewg dikjarazzjonijiet tal-President ta' Malta, u dan ai termini tal-Avviz Nru. 58 tal-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Jannar 2015, u l-Avviz Nru. 287 tal-Gazzetta tal-Gvern datat it-8 ta' April 2015.

Id-dikjarazzjonijiet fuq imsemmija jikkoncernaw u jolqtu zewg esproprjazzjonijiet ta' kwart sehem indiviz kull wiehed (kwindi nofs) tal-fond fl-intier tieghu, u mhux l-ishma tal-konvenuti konjugi Gaffarena, b'dan illi jsegwi li l-esproprjazzjoni, ghal darbtejn, laqtet s-sehem ta' kwart indiviz tal-proprjetarji kollha kemm huma, inkluzi dak tar-rikorrenti odjerni.

Ghalhekk l-istess rikorrenti ghandhom interess fuq l-andament u l-ezitu ta' din il-kawza minhabba l-fatt illi parti mis-sehem taghhom gie esproprjat a favur il-Gvern ta' Malta, u kwindi huwa fundamentali illi huma jippartecipaw f'dawn il-proceduri, kif *del resto*, gew awtorizzati illi jaghmlu komproprjetarji ohra interessati.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, r-rikorrenti umilment jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti joghgboha tammettihom bhala intervenuti fil-kawza bin-numru u fl-ismijiet premessi, *in statu et terminis* a tenur tal-Artikolu 960 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' April 2016 u l-10 ta' Mejju 2016 li permezz taghhom din il-Qorti laqghet it-talba ta' Antonio sive Tonio Mercieca, Adrienne Mercieca, Sergio Rubei, Marita Rubei f'isimha proprju u ghan-nom tal-assenti: Charles Bonello, Catherine Antoinette Wright, Adrian Ralph Bonello, Antoine Camenzuli, Lilian Camenzuli, Alfred Camenzuli, u Raphael Bonello u tal-assenti Ralph Bonello, Joseph Bonello u Kathy Knight, ilkoll ulied u eredi ta' Catherine Bonello; Lawrence Zammit f'ismu proprju u ghal assenti Carmelo sive Charles Zammit, Grace Zammit, George Grech, Kathleen Grech, Paula Mompalao Depiro u Carmel Camenzuli; u Mary Falzon, Daphne Corrieri, David Cefai, Martin Cefai u Christopher Cefai; u Charles Kerr f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' martu Maria Kerr u ta' Walton u Iris konjugi Kerr, Imelda Galea, John u Catherine konjugi Haddow, Marthese Attard, John u Maria konjugi Bisazza, Alfred Bonello, Mary Bonello, Victoria Bonello, Paul u Sharon konjugi Camenzuli, Francis Gascoyne, Catherine sive Kay u Cecil konjugi Fiorini, Margaret Sargent, Nicholas Edward Sargent, Deborah Kay Wanstall, Charles u Rita sive Ruth Bonello sabiex jithallew jintervjenu fil-kawza *in statu et terminis*.

Semghet xhieda viva voce.

Rat id-dokumenti kollha esibiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, il-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat qed jitlob lil din il-Qorti thassar zewg kuntratti ta' tpartit ta' proprjetà tal-Gvern mal-konjugi Gaffarena ghaliex dawn saru kontra dak li tipprovdi l-ligi.

Il-konjugi Gaffarena jilqghu ghall-kawza billi jressqu diversi eccezzjonijiet. L-ewwel nett, huma jsostnu li r-rikors promotur huwa null ghaliex galadarba r-rikorrenti Dr. Joseph Muscat qieghed jagixxi bhala membru tal-Kamra tad-Deputati, huwa ma kellux isejjah lilu nnifsu Prim Ministru fl-okkju tal-kawza. L-istess bhall-Qorti diversament presjeduta meta qieset it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni 97/16, din il-Qorti wkoll:

> *"Tqis li l-imsemmija eccezzoni ma tinftiehemx. Ir-rikorrent Dottor Joseph Muscat, bhala Prim Ministru huwa wkoll u ta' bilfors skond il-Kostituzzjoni membru tal-Kamra tad-Deputati, u t-talba tieghu ghall-hrug ta' Mandat jaghmilha espressament f'dik il-kwalità ta' deputat parlamentari."*

Lanqas ma tiswa l-eccezzjoni ta' nullità ghaliex ma saritx talba ghat-thassir tad-dikjarazzjoni presidenzjali. Minbarra l-konsiderazzjoni li din ir-raguni ma tistax titqies li taqa' taht xi Kap jew iehor tal-Art. 789 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa car illi din l-azzjoni qeghda titmexxa skond l-Art. 4 tal-Kap. 268 li jipprovdi ghat-thassir ta' att ta' trasferiment ta' artijiet tal-Gvern u xejn aktar. Ghal din l-istess raguni, ghalhekk il-Qorti ser tichad ukoll l-eccezzjoni ta' intempestività imressqa mill-konjugi Gaffarena. It-thassir mitlub minn Dr. Joseph Muscat mhuwiex ser iwassal biex tithassar id-dikjarazzjoni presidenzjali. Huwa effettivament jista' jwassal biex ipoggi fuq l-istess livell is-sidien l-ohra kollha tal-proprjetà mertu tal-kawza.

Doveruz ghall-Qorti f'dan l-istadju tenfasizza illi kull konsiderazzjoni ta' xejra politika tmur sew 'il barra mill-argini ta' din il-kawza. L-ghaggla insolita tal-kompletar tal-proceduri kollha kif ukoll in-nuqqas ta' prova ta' xi skop pubbliku li wassal ghat-tehid tal-proprjetà jistghu jigu meqjusa minn din il-Qorti biss jekk u meta jkunu ta' piz ghad-decizjoni tal-kweziti purament legali tal-kawza.

Dan premess, jehtieg ukoll jigi precizat illi, din il-kawza hija msejjsa fuq l-Art. 4 tal-Kap. 268 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda tigi deciza fuq il-bazi tal-istess ligi minkejja li llum din giet imhassra. L-Art. 82 tal-Kap. 573 in fatti jipprovdi testwalment illi:

> *"Kull għemil, deċiżjoni jew azzjoni meħuda qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att skont l-artikoli 468 u 468A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-artikoli 1576A sa 1576D tal-Kodiċi Ċivili, l-Ordinanza dwar il-Kummissarju tal-Artijiet, l-artikoli 20 sa 26 tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba', l-Att dwar Żgumbrament minn Artijiet, l-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern u l-Att dwar l-Amministrazzjoni ta' Artijiet għandha tkompli tkun regolata bil-liġijiet li kienu fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att."*

Ghalhekk l-Artikoli tal-Ligi rilevanti ghal din il-kawza huma s-segwenti:

Art. 3 tal-Kap. 268
Art. 4 tal-Kap. 268

Kif ukoll Art. 13 tal-Iskeda tal-istess Kap. 268 li testwalment jipprovdi:

> *"Art tal-Gvern tkun tista' tingħata bi tpartit ma' oħra li tkun ddikjarata meħtieġa għal skop pubbliku taħt il-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta, lis-sid l-art hekk iddikjarata:*
>
> *Iżda fejn teżisti differenza fil-valur bejn iż-żewġ artijiet mogħtija bi tpartit, dik id-differenza tiġi ekwiprata bl-għotja wkoll ta' żieda fi flus. B'dan iżda, illi t-tpartit ma jistax isir jekk il-valur tal-art tal-Gvern li tkun ser tingħata taqbeż it-tletin fil-mija tal-valur tal-art esproprijata. Id-danni sofferti kawża tal-esproprjazzjoni tal-art huma parti mill-valur tal-istess art."*

Dwar il-mertu, din il-Qorti tqis illi l-kronologija tal-fatti li taw lok ghall-kawza hija effettivament inkontestata.

Fit-22 ta' Jannar 2015, ai termini tal-Kap. 88 tal-Ligijiet ta' Malta, giet pubblikata dikjarazzjoni tal-President ta' Malta (Avviz Nru. 58) li permezz taghha gie akkwistat b'xiri assolut <u>kwart indiviz</u> ta' blokk bini fil-Belt Valletta li jinkludi l-fond bin-numru 36, fi Triq Zekka, u l-fondi bin-numri 67 sa 70, Triq San Gwann u l-fond 47, Triq San Patrizju. Il-kumpens offrut ghall-kwart indiviz kien ta' €822,500.

Fit-28 ta' Jannar 2015, u cioè ezattament sitt ijiem wara, gie ppubblikat kuntratt ta' tpartit bejn Mark Gaffarena sid ta' kwart indiviz ta' din il-proprjetà u l-Kummissarju tal-Artijiet f'isem il-Gvern ta' Malta li permezz tieghu Mark Gaffarena ghadda lill-Gvern ta' Malta il-kwart (¼) indiviz tal-utile dominju perpetwu u cens annwu u perpetwu relattiv tal-blokk bini imsemmi fil-fuq citata dikjarazzjoni presidenzjali (Avviz Nru. 58) tat-22 ta' Jannar 2015. In kontrakambju Mark Gaffarena ircieva diversi proprjetajiet u cioè:

(1) 73, Triq Manwel Dimech, Sliema li gie stmat €65,000;
(2) Porzjon art bi strutturi rurali fis-Siggiewi tal-kejl ta' 5992m$^2$, stmata €165,800;
(3) Porzjon art f'Hal Qormi stmata €192,810;
(4) Porzjon art f'Bahar ic-Caghaq stmata €260,000.

B'zieda ma dan, il-Gvern ta' Malta hallas lil Mark Gaffarena is-somma ta' €138,890 sabiex intlahqet is-somma ta' €822,500.

Wara dan il-kuntratt, Marco u Josielle konjugi Gaffarena akkwistaw kwart indiviz iehor tal-istess proprjetà permezz ta' kuntratt pubblikat fis-26 ta' Frar 2015 u dan ghall-prezz ta' €139,762.

Imbaghad, ftit gimghat biss wara, permezz ta' Avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern fit-8 ta' April 2015, il-Gvern ta' Malta akkwista kwart indiviz iehor tal-istess blokka bini. Sussegwentement, biss jumejn wara, u cioè fl-10 ta' April 2015, gie pubblikat kuntratt ta' tpartit iehor bejn il-konjugi Gaffarena u l-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tieghu il-konjugi Gaffarena ghaddew lill-Gvern ta' Malta kwart indiviz iehor. In kontrakambju huma rcevew:

(1) Porzjon art f'Bahar ic-Caghaq stmata €70,000;
(2) Zewg porzjonijiet art f'Haz-Zebbug stmati flimkien fic-cifra ta' €375,000.

Peress illi l-valur globali fuq dan il-kuntratt gie stmat li kien €445,000, il-konjugi Gaffarena rcevew is-somma ta' €377,500 sabiex intlahqet is-somma ta' €822,500, valur precedentement moghti lill-kwart tal-proprjetà.

Minn ezami ta' dawn l-atti u dikjarazzjonijiet presidenzjali, jirrizulta car illi fiz-zewg istanzi il-Gvern akkwista kwart indiviz tal-proprjetà. Ma akkwistax il-kwart tal-proprjetà ta' Mark Gaffarena fl-ewwel kaz, jew il-kwart tal-proprjetà tal-konjugi Gaffarena fit-tieni kaz. Il-Gvern dejjem akkwista kwart indiviz. Minn dan ghalhekk isegwi illi l-Kummissarju tal-Artijiet ma mexiex korrettement meta kkompensa biss lil Mark u Josielle Gaffarena. Galadarba, d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta li biha l-Gvern akkwista semmiet biss kwart indiviz, il-Kummissarju kellu jikkumpensa lil kull wiehed mis-sidien "pro-rata", biex ikun korrett; ma sarx hekk. Il-Gvern spicca effettivament akkwista parti mill-proprjetà tas-sidien kollha u hallas taghha lil sid wiehed biss. Ghal din ir-raguni, l-kuntratti ma jiswewx u ghandhom jithassru.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza isejjes it-talba tieghu fuq zewg binarji. Konsiderata l-ewwel kawzali aktar 'l fuq, il-Qorti ghall-fini ta' kompletezza ser tghaddi biex tqis ukoll l-allegazzjoni ta' Dr. Joseph Muscat u l-Avukat Generali li l-valur tal-artijiet li gew moghtija b'kumpens lil Mark Gaffarena fl-ewwel kuntratt u lil Mark u Josielle Gaffarena fit-tieni kuntratt jeccedi b'aktar minn 30 fil-mija il-valur tal-art esproprjata.

In sostenn ta' din l-allegazzjoni r-rikorrenti ressqu bhala prova lil rapprezentanti ta' Pricewaterhouse Coopers li kienu gew inkarigati mill-Awditur Generali biex jevalwaw il-proprjetajiet mertu tal-kuntratti ta' tpartit. L-imsemmija Pricewaterhouse Coopers, minn naha taghhom, inkarigaw ditta ta' periti arkitetti sabiex jghinuhom jaslu ghall-valuri rizultanti.

Il-Qorti tinnota illi, minkejja l-attentati diversi da parti tal-intimati sabiex jiskreditaw il-metodologija uzata sabiex gew

stabbiliti l-valuri reali tal-proprjetajiet, dawn l-istess intimati ma ressqu ebda prova ta' xi valuri alternattivi li skond huma, huma sewwa. F'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-valuri moghtija finalment mill-Awditur Generali fir-rapport finali tieghu kif ipprezentat lill-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici tal-Parlament huma reali u veritjieri.

F'dan il-kuntest, il-Qorti qieset li l-proprjetà ta' Strada Zekka li l-Gvern spicca akkwista n-nofs indiviz taghha giet stmata mill-periti tal-Kummissarju tal-Artijiet ghall-valur komplessiv ta' €3,290,000, b'hekk kwart indiviz gie jiswa €822,500. L-istima tal-Awditur Generali hija ta' €2,458,924 jekk libera u €1,889,450 b'kirjiet vigenti. Il-Qorti tinnota inoltre illi ftit snin qabel kwart indiviz tal-istess proprjetà gie stmat mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni ghall-valur ta' €75,000. Tenut kont li l-kirjiet vigenti huma kollha favur l-istess Gvern, xejn ma josta li jigi stabbilit valur tal-proprjetà fl-ewwel ammont u cioè €2,458,924 b'dana illi kwart tal-istess ghandu valur ta' €614,731.

Ghal dak li jirrigwarda l-artijiet li Mark Gaffarena fl-ewwel kaz u l-konjugi Gaffarena fit-tieni kaz akkwistaw, il-Qorti sejra tqishom separatament in relazzjoni ma' kull kuntratt partikolari.

Fl-ewwel kuntratt li permezz tieghu gie kompensat Mark Gaffarena, l-artijiet li huwa gie mghoddi bit-tpartit gew stmati €330,000 (Tal-Handaq), €64,000 (Tas-Sliema), €780,000 (Siggiewi) u €645,000 (Bahar ic-Caghaq) u dan b'kuntrast ghall-valuri li nghataw dawn l-artijiet mill-perit inkarigati mill-Gvern u cioè €192,810 (Tal-Handaq), €65,000 (Tas-Sliema), €165,800 (Is-Siggiewi) u €260,000 (Bahar ic-Caghaq).

Fit-tieni kuntratt il-proprjetà li nghatat lill-konjugi Gaffarena b'kumpens, imbaghad giet stmata €178,000 (Bahar ic-Caghaq) u €865,000 (Haz-Zebbug), dan meta dawn l-artijiet kienu gew stmati rispettivament €70,000 u €375,000.

Minghajr ebda sforz zejjed ta' kalkoli matematici, jirrizulta carissimu u bla ebda dubju lil din il-Qorti li kellu jiskatta dak

provdut fil-fuq citat Artikolu 13 tal-Iskeda li jesigi illi l-kuntratt ma setax isir.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati sa fejn konsistenti ma dak li qieghed jintqal aktar 'il fuq f'din is-sentenza, tilqa' t-talbiet ta' Dr. Joseph Muscat u tal-Avukat Generali u

1. Tiddikjara illi biż-żewġ kuntratti pubbliċi ta' permuta pubblikati fit-28 ta' Jannar 2015 u fl-10 t'April 2015 rispettivament fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Hili, u li bihom il-Kummissarju tal-Artijiet ittrasferixxa lill-konvenuti Mark u Josielle konjuġi Gaffarena diversi artijiet proprjetà tal-Gvern li huma deskritti fil-lista annessa mar-rikors maħluf u markata bħala "Dok. A", saru trasferimenti ta' artijiet proprjetà tal-Gvern xort'ohra milli skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 3 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268) u li ghalhekk l-istess kuntratti pubblici huma nulli u minghajr effett fit-termini tal-Artikolu 4 tal-Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern (Kap 268);

2. Tħassar u tannulla l-imsemmija żewg kuntratti pubblici u konsegwentement tordna li jintradd lura dak kollu li inghata bhala konsiderazzjoni mill-partijiet lil xulxin fuq l-istess kuntratti.

3. Tahtar lin-Nutar Anthony Hili biex fi zmien xahar mil-lum jghaddi biex jippubblika l-atti relattivi u tahtar lil Dr. Josette Grech biex tidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk tal-intervenuti fil-kawza jithallsu mir-rikorrenti u l-intimati *in solidum* bejniethom.

IMHALLEF

DEP/REG